# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-28 ta' Gunju, 2017.**

**Rikors Numru 19/2014 SM**

**L-Avukat Dottor Anthony P. Farrugia**
***proprio et nomine***

**vs.**

***Lombard Bank Malta p.l.c.***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-13 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti *proprio et nomine* sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi bl-att imsemmi mir-rikorrenti *proprio et nomine et* fl-istess rikors promotur in dizamina, il-bank intimat kien talab lill-qorti biex tordna l-bejgh t'appartamenti hemm indikati ghall-kreditu minnu pretiz, (ara foll 9);

1.2. Illi l-istess bank ibbaza t-talba tieghu fuq kuntratt datat iz-17 ta' Mejju, 1999, in atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo, (ara foll 11);

1.3. Illi l-istess bank strah fuq ittra ufficjali datata l-14 ta' Novembru, 2006, li rrendiet l-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti titolu ezekuttiv, (ara foll 25);

1.4. Illi l-kuntratt fuq indikat mhux wiehed ta' kostituzzjoni ta' debitu izda self bankarju;

1.5. Illi tali kuntratt ma jistax jigi rez esekuttiv;

1.6. Illi l-bank intimat ippretenda l-pagament lura ta' seba' mija u sbatax- il elf, mija u tlieta u erbghin, (€717,143.00), euro, (ara foll 9), waqt li l-kuntratt fuq indikat jitratta self ta' erba' mija u disa' u tmenin elf mija u tmienja u sittin euro u wiehed u erbghin centezmu, (€489,168.41);

1.7. Illi ghalhekk hemm differenza ta' €227,974.59 bejn l-ammont misluf u dak rikjamat;

1.8. Illi *in oltre*, kieku ma saru l-ebda pagamenti mir-rikorrenti odjerni lill-bank intimat, l-ammont li tal-ewwel kellhom jaghtu sad-data hemm indikata mill-bank kienet tkun aktar, (ara t-tieni (2) paragrafu a foll 3);

1.9. Illi r-rikorrenti kienu effettwaw xi pagamenti u allura l-ammont mhux cert, likwidu u dovut;

1.10. Illi la l-kalkolu tal-ammont misluf hu sindakabbli mill-qrati, allura hi il-qorti li tirrendieh ezegwibbli;

1.11. Illi r-rikorrenti *proprio et nomine et* qed jikkontestaw l-ammont pretiz mill-bank intimat;

1.12. Illi r-rata t'imghax pretiza mill-bank intimat hi ta' 9.5%;

1.13. Illi *stante* li l-liberalizzazzjoni tal-imghax sehhet biss fid-29 ta' Settembru, 2002, il-kalkolu sa dik id-data kien illegali;

1.14. Illi mid-data indikata fil-paragrafu precedenti 'l quddiem, l-imghax irid jigi regolat bejn il-partijiet;

1.15. Illi di piu`, in-notifiki involuti fil-bejgh gudizzjarju kienu l-bicca l-kbira nulli;

1.16. Illi ghalkemm din il-kwistjoni kienet debitament sollevata il-qorti involuta xorta ppermettiet il-bejgh *de quo*;

1.17. Illi l-bank hawn intimat kien talab li joffri *animo compensandi* fis-subbasta *de quo*, (ara foll 27), ghalkemm ir-rikorrenti odjerni kienu opponew, (ara foll 28);

1.18. Illi l-istess bank rega geddet l-istess talba tieghu indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 29), liema talba kienet milqugha b'digriet appozitu, (ara foll 30);

1.19. Illi r-rikorrenti *proprio et nomine et* jsosstnu li tali digriet hu illegali u null, u dan, ghas-segwenti ragunijiet:

1.19.1. Illi s-subbasta *de quo* kienet appuntata ghaz-17 ta' Dicembru, 2009;

1.19.2. Illi l-bank involut offra €974,000.00 *animo compensandi*;

1.19.3. Illi inkissret il-kwindena;

1.19.4. Illi sussegwentement il-bank offra €1,005,000.00 biex il-fond jigi liberat favur l-oghla offerent;

1.19.5. Illi din l-offerta hi wkoll nulla;

1.20. Illi l-istess bank talab lill-qorti tapprova l-kompensazzjoni, (ara foll 31);

1.21. Illi l-konkors tal-kredituri infetah fit-12 ta' Lulju, 2010, (ara foll 4);

1.22. Illi mill-atti tas-subbasta *de quo* jirrizulta li kien hemm kredituri ohra;

1.23. Illi fit-2 ta' Frar, 2012, il-qorti parzjalment laqghet talba ghal tpacija intavolata mill-bank involut, (ara foll 34);

1.24. Illi fis-7 ta' Frar, 2012, il-bank *de quo* iddepozita €550,000.00 (ara foll 5);

1.25. Illi fis-16 ta' Frar, 2012, il-qorti ddekretat li:

1.25.1. Il-fond in dizamina jigi liberat favur l-istess bank; u

1.25.2. Tat direttivi taht l-artiklu 416 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara foll 36);

1.26. Illi l-istess digriet indikat fil-paragrafu precedenti inghata qabel ma skada l-appell mid-digriet tat-2 ta' Frar, 2012;

1.27. Illi b'sentenza datata t-28 ta' Settembru, 2012, il-Qorti tal-Appell irrevokat id-digriet fuq indikat tat-2 ta' Frar, 2012;

1.28. Illi r-rikorrenti Avukat Farrugia oppona ghall-kontinwazzjoni tal-procedura tal-konkors ta' kredituri u anke ssottometta n-nullita` tal-istess proceduri, (ara foll 5);

1.29. Illi bi provediment datat l-14 ta' Dicembru, 2012, il-qorti ddecidiet li l-proceduri ta' konkors ta' kredituri jibqa` ghaddej, u jghodd l-artiklu 131 tal-Kap 12 *de quo* fir-rigward tal-konsenja tal-fond involut, (ara fol 38);

1.30. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.30.1. Tiddikjara li l-proceduri tas-subbasta in dizamina huma nulli;

1.30.2. Tiddikjara ukoll li t-talba ghall-liberazzjoni tal-fond *de quo* favur il-bank in dizamina maghruf bhala *“Allegro Andante Restaurant”* u li ghalhekk il-provedimenti tal-artiklu 331 tal-Kap 12 in dizamina qatt ma dahhlu fl-effett bhala rizultat tal-proceduri tas-subbasta in dizamina;

1.30.3. Bl-ispejjez;

2. Rat l-ordni t’assenjazzjoni datat l-24 t’April, 2014, li permezz tieghu l-procedura odjerna giet assenjata lil din il-qorti kif preseduta, (ara foll 43);

3. Rat id-digriet taghha datat it-28 t’April, 2014, li permezz tieghu appuntat l-istess kawza ghas-smigh hemm indikat, (ara foll 44);

4.0. Rat ir-risposta tal-bank intimat datata s-26 ta’ Mejju, 2014, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 45):

4.1. Illi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tas-socjeta` “*Allegro Andante Limited*” *stante* li r-rikorrenti Avukat Farrugia m’ghandux ir-rapprezentanza guridika tal-istess socjeta`;

4.2. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti *proprio et nomine et* hi improponibbli *stante* li:

4.2.1. Il-qorti gia` cahdet talbiet identici ghal dawk imressqa f’din il-procedura; u

4.2.2. Diga` kien hemm adezjoni ghall-ezitu tas-subbasta *de quo*;

4.3. Illi t-tieni risposta ghandha tigi respinta *stante* li hi infondata, kif huma wkoll it-talbiet l-ohra tar-rikorrenti;

4.4. Salv risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz;

5.0. Rat ir-risposta tad-Direttur intimat datata t-28 ta' Mejju, 2014, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 100):

5.1. Illi mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti;

5.2. Illi ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

5.3. Illi r-rikorrenti Avukat Farrugia ghandu jgib prova tal-mandat tieghu vis-a-vis is-socjeta` "*Allegro Andante Limited*";

5.4. Illi t-talbiet tar-rikorrenti *proprio et nomine et* huma infondati *stante*:

5.4.1. Illi din il-qorti gia` irrespingiet talbiet identici;

5.4.2. Illi m'hemm xejn fil-proceduri tas-subbasta li jirrendu l-istess nulla;

5.4.3. Illi r-rikorrenti fuq riferiti kienu aderew ghall-istess subbasta u ghalhekk, ikkonfermaw il-validita` taghha;

5.5. Illi fi kwalunkwe kaz m'ghandux ibaghti spejjez liema spejjez ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti *proprio et nomine et*;

5.6. Salv risposti ulterjuri;

6. Tirrileva li l-intimata Audrey Anne Triganza qeghda fi stat ta' kontumacja, (ara foll 106 *et sequitur*);

7. Rat id-digriet taghha datat l-14 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 176), u kif sussegwentement extiz, (ara foll 178,179,188 u 189);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti *proprio et nomine* datata l-4 t'Ottubru, 2016, (ara foll 180), flimkien ma dik tal-bank intimat datat l-14 ta' Novembru, 2016, (ara foll 192), u ma dik tad-Direttur intimat datata l-14 ta' Dicembru, 2016, (ara foll 202);

9. Semghet ix-xhieda prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti estensivi prodotti flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata esebita;

11. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rikorrenti u tal-abbli rapprezentanti legali tal-bank intimat, bir-rapprezentanti legali tad-Direttur intimat jiddikjara li kien qieghed jistrieh fuq in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu;

12. Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat is-6 ta' Gunju, 2017, (ara foll 210);

13. Rat il-verbal datat l-14 ta' Gunju, 2017, (ara foll 214);

14. Rat in-nota tar-rikorrenti datata l-20 ta' Gunju, 2017, flimkien mad-dokumenti hemm annessi, (ara foll 215);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi a bazi tat-talbiet tar-rikorrenti *de quo*, fl-essenzjalita` taghha, l-procedura odjerna tista' tigi sintetikament delineata bil-mod segwenti:

15.1. Illi r-rikorrenti in dizamina qed jitolbu li din il-qorti tiddikjara li l-procedura tas-subbasta fl-ismijiet ***Lombard Bank Malta p.l.c. vs. Allegro Andante Limited***, ***Mary Anne Farrugia, u Audrey Anne Triganza*** bhala garanti solidali ghall-istess, hi nulla u minghajr effett;

15.2. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti *de quo* qed jitolbu wkoll li t-talba ghall-liberazzjoni tal-fond *Allegro Andante Restaurant*, ta' Triq Spinola, San Giljan, favur il-bank intimat, tigi dikjarata nulla u minghajr effett;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi l-isfond fattwali tal-procedura odjerna jista' jigi sintetikament espost bil-mod segwenti:

16.1. Illi permezz ta' rikors datat it-22 ta' Frar, 2007, (ara foll 9), il-bank intimat talab lill-qorti biex tbiegh b'subbasta l-fond *"Allegro Andante Restaurant"* ta' San Giljan, fuq indikat;

16.2. Illi din it-talba hi naxxenti minn kuntratt ta' mutwu *in atti* tan-Nutar Dr. Henri Vassallo, datat iz-17 ta' Mejju, 1999, (ara foll 11), li permezz tieghu il-bank intimat sellef lir-rikorrenti *de quo* l-ammont hemm indikat ta' Lm210,000.00, (ara foll 17 sa 19);

16.3. Illi permezz t'ittra ufficjali datata l-14 ta' Novembru, 2006, (ara foll 25), peress li r-rikorrenti *de quo* kienu morusi ghaliex naqsu li jhallsu l-ammonti minnhom dovuti bhala kapital u imghax *ai termini* tal-kuntratt riferit fil-paragrafu precedenti, ippromovew il-procedura tas-subbasta fil-konfront tal-imsemmi *restaurant*;

16.4. Illi r-rikorrenti *de quo* isosstnu li l-kuntratt in dizamina, (ara foll 11), ma jikkostitwix titolu ezekuttiv izda hu biss kuntratt ta' self u mhux ta' kostituzzjoni ta' debitu;

16.5. Illi *di piu`*, l-istess rikorrenti jsosstnu li l-ammont dovut mill-istess kuntratt mhux ammont cert, likwidu u dovut, u ghalhekk isosstnu li l-artiklu 253(1) (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex sodisfatt;

16.6. Illi in oltre, r-rikorrenti in dizamina jikkontestaw ukoll l-ammont mitlub permezz tal-procedura fuq riferita;

16.7. Illi finalment isosstnu li l-awtorizzazzjoni moghtija lil-bank hawn intimat biex joffri *animo compensandi* fl-atti tal-procedura tas-subbasta in dizamina kienet wahda illegali u ghalhekk, nulla, *stante* li f'dik il-procedura kien hemm aktar minn kreditur wiehed;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi l-bank intimat sintetikament irribadixxa bil-mod segwenti:

17.1. Illi r-rikorrenti Avukat Farrugia m'ghandux ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta` rikorrenti *Allegro Andante Limited*;

17.2. Illi *di piu`*, it-talbiet kontenuti f'din il-procedura gia` kienu gew respinti fi procedura simili precedentement inoltrata mir-rikorrenti in dizamina;

17.3. Illi *di piu`*, fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti *proprio et nomine et*, gia` kien hemm adezjoni ghall-ezitu tas-subbasta mill-istess rikorrenti *de quo*;

17.4. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghalhekk huma kollha infondati;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi min-naha tieghu d-Direttur intimat isosstni sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi hu mhux il-legittimu kontradittur;

18.2. Illi r-rikorrenti Avukat Farrugia ghandu jgib prova tal-mandat tieghu;

18.3. Illi talbiet identici ghal dawk odjerni gia` gew respinti;

18.4. Illi fis-subbasta in dizamina m'hemm xejn li jirrendiha nulla;

18.5. Illi l-istess rikorrenti kienu aderew mas-subbasta u ghalhekk, ikkonfermaw il-validita` tal-istess procedura;

18.6. Illi konsegwentement it-talbiet kollha tar-rikorrenti *proprio et nomine et* ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

**A. L-eccezzjoni tad-Direttur intimat rigwardanti l-fatt li hu mhux il-Legittimu Kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti *proprio et nomine et*:**

19. Illi l-mansjoni tal-imsemmi direttur hi dik li jiehu hsieb l-amministrazzjoni logistika tal-qrati;

20. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li dan il-funzjonarju pubbliku mhux f'posizzjoni li jaghti xi rimedju fir-rigward tal-lanjanzi sollevati mir-rikorrenti fil-procedura odjerna;

21. Illi ghalhekk in effetti, jirrizulta li mhux il-legittimu kontradittur ghat-talbiet in dizamina;

22. Illi konsegwentement ghandu jigi estromess minn din il-procedura u jigi ghalhekk liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

**B. L-eccezzjoni ulterjuri tad-Direttur intimat li r-rikorrenti Avukat Farrugia ghandu jgib il-mandat tieghu biex jirraprezenta lis-socjeta` "*Allegro Andante Limited*" f'din il-procedura:**

23. Illi fin-nuqqas tal-produzzjoni tal-imsemmi mandat, ir-rikorrenti Avukat Farrugia ma jistax jipproponi l-procedura odjerna ghan-nom tal-imsemmija socjeta`;

24. Illi skont il-klawsola 8 tal-*"Memorandum and Articles of Association"* tas-socjeta` *de quo*, jirrizulta li r-rikorrenti Avukat Farrugia hu direttur u *"Chairman"* tal-istess socjeta`, (ara foll 153);

25. Illi mill-istess klawsola indikata fil-paragrafu precedenti jirrizulta li Audreyanne Triganza hi ukoll direttrici tal-istess socjeta`,(ara foll 153);

26. Illi fir-rigward tar-rapprezentanza legali tal-imsemmija socjeta`, il-klawsola 9 tal-imsemmi *Memorandum* jispecifika bi kjarezza s-segwenti:

> "The judicial and legal representation of the Company shall be exercised by the above mentioned directors. Provided that in addition and without prejudice to the aforesaid, the Board of Directors of the Company may from time to time appoint any other person or persons to represent the Company in a special case or cases";

27. Illi jirrizulta li fir-rigward tas-socjeta` li taghha r-rikorrenti Avukat Farrugia qieghed isosstni li hu mandatarju taghha fil-procedura odjerna effettivament kien irrizenja minn direttur taghha permezz ta' ittra indirizzata minnu lir-Registratur tal-Kumpaniji datata l-25 ta' Novembru, 2009, (ara foll 164);

28. Illi jirrizulta assodat ukoll li meta l-imsemmi rikorrenti Avukat Farrugia bghat l-ittra tieghu indikata fil-paragrafu precedenti lir-Registratur hemm indikat, hu kien l-ahhar u l-uniku direttur fl-istess socjeta`, (ara foll 147), *stante* li d-direttur Triganza kienet precedentement gia` irrizenjat b'effett mill-20 ta' Settembru, 2002, (ara foll 162);

29. Illi ghalhekk wara l-25 ta' Novembru, 2009, is-socjeta` in dizamina la kellha diretturi, u allura, wisq anqas kellha rapprezentant taghha;

30. Illi konsegwentement, meta l-kawza odjerna giet intavolata u ikkonfermata bil-gurament mir-rikorrenti Avukat Farrugia fit-13 ta' Jannar, 2014, is-socjeta` in dizamina ma setghax ikollha minn jinnomina rapprezentant jew mandatarju taghha;

31. Illi *nonostante* dan l-istess rikorrenti Avukat Farrugia isosstni s-segwenti:

> "...mill-ahhar udjenza li kellna f'din il-procedura, senjatament fl-20 ta' Jannar, 2015, jien ergajt gejt introdott bhala direttur fis-socjeta` rikorrenti *Allegro Andante Limited* kif jidher mill-Form K...", (ara foll 116 u 130);

32. Illi in effetti mill-istess Form K fuq riferita jirrizulta wkoll li l-istess rikorrenti Avukat Farrugia gie issa appuntat ukoll bhala "...judicial and legal representative..." tal-istess socjeta`, u dan allura b'effett mill-15 ta' Frar, 2015, (ara foll 130);

Ikkunsidrat:

33.0. Illi rilevata l-linja temporanja in dizamina jirrizulta s-segwenti:

33.1. Illi s-socjeta` *de quo* ma kelliex diretturi mill-25 ta' Novembru, 2009, (ara paragrafu numru sitta u ghoxrin, (26.), aktar qabel), sal-14 ta' Frar, 2015, (ara paragrafu precedenti);

33.2. Illi r-rikorrenti Avukat Farrugia rega' intrometta ruhhu fis-socjeta` *de quo* fil-15 ta' Novembru, 2015, (ara paragrafu numru disa' u ghoxrin, (29.), aktar qabel);

33.3. Illi l-procedura odjerna giet intavolata fit-13 ta' Jannar, 2014, (ara foll 1);

33.4. Illi konstatat dan ghandu jirrizulta pacifiku li meta r-rikorrenti ipprezenta r-rikors guramentat promotur, is-socjeta` *"Allegro Andante Limited"* kienet sprovista minn diretturi u minn rapprezentanza guridika;

33.5. Illi di piu`, kif abbilment jirrileva l-abbli rapprezentant legali tal-bank intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, (ara foll 193), il-Form K li fuqha jistrieh l-imsemmi rikorrenti Avukat Farrugia ma jirrizultax li giet accettata mir-Registratur tal-Kumpaniji *stante* li l-istess socjeta` kellha ammont ta' flus konsiderevoli xi thallas fl-istess registru;

33.6. Illi in effetti it-timbru fir-rigward il-formola in dizamina jindika li l-istess kienet giet accettata biss "for acknowledgement of receipt purposes", (ara foll 130), u konsegwentement, l-istess socjeta`, kuntrarju ghal dak allegat mir-rikorrenti Avukat Farrugia, regghet baqghet sprovista mid-diretturi taghha;

33.7. Illi fil-fatt jirrizulta mid-Dokument PD1 li fid-dettalji tal-imsemmija socjeta`, ma jirrizulta li hemm l-ebda direttur indikat taht l-intestatura "Company Details", (ara foll 150);

34.0. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti:

34.1. La kien ir-rapprezentant guridiku jew mandatarju tas-socjeta` "*Allegro Andante Limited*" fit-13 ta' Jannar, 2014, meta intavola l-procedura in dizamina;

34.2. Lanqas hu fil-prezent direttur tal-istess socjeta` minkejja l-allegazzjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

35. Illi ghalhekk l-ewwel risposta tal-bank intimat ghandha tigi akkolta, (ara paragrafu numru erbgha punt wiehed, (4.1.), aktar qabel u foll 45);

Ikkunsidrat:

36. Illi tenut kont tas-suespost, l-indivizz tar-rimanenti hu limitat ghar-rikorrenti Avukat Farrugia;

Ikkunsidrat:

**B. Rigward it-tieni risposta tal-Bank intimat:**

37. Illi f'dan ir-rigward il-bank *de quo* jeccepixxi li l-ewwel talba tar-rikorrenti hi improponibbli *stante* li gia` kienet precedentement respinta mill-istess qrati, (ara foll 45);

38. Illi in effetti l-istess qorti diversament preseduta kienet mitluba permezz ta' rikors datat l-1 t'Awwissu, 2007, biex twaqqaf il-bejgh bis-subbasta in dizamina, (ara foll 50);

39. Illi bid-digriet taghha datat l-14 t'Awwissu, 2007, l-istess qorti diversament preseduta irrespingiet it-talba tar-rikorrenti, (ara foll 50 u 58);

40. Illi l-istess talba kienet ripetuta permezz ta' rikors datat it-18 ta' Gunju, 2008, (ara foll 60), li kien ukoll respint permezz ta' digriet datat it-30 t'Ottubru, 2008, (ara foll 60 u 76);

41. Illi finalment issir referenza ghal rikors simili, din id-darba biex tiddikjara n-notifiki involuti nulli, datat l-14 ta' Mejju, 2010, (ara

foll 78), li wkoll kien respint permezz ta' digriet datat it-18 ta' Mejju, 2010, (ara foll 97);

Ikkunsidrat:

42.0. Illi l-isfond fattwali tal-procedura in dizamina jista' jigi sintetikament elenkat bil-mod segwenti:

42.1. Illi permezz ta' rikors datat it-22 ta' Frar, 2007, il-bank intimat talab lill-qorti biex tordna s-subbasta tal-fond *Allegro Andante Restaurant* ta' Triq Spinola, San Giljan, (ara foll 9);

42.2. Illi l-istess talba hi bbazata fuq il-kuntratt datat iz-17 ta' Mejju, 1999, *in atti* tan-Nutar Dottor Henri Vassallo, (ara foll 11);

42.3. Illi permezz t'ittra ufficjali datata l-14 ta' Novembru, 2006, il-bank intimat ippromwova l-procedura tal-bejgh tal-imsemmi fond permezz ta' subbasta;

42.4. Illi r-rikorrenti jsosstni li l-kuntratt fuq indikat mhux titolu ezekuttiv izda semplicement kuntratt ta' self – ghalhekk mhux kostituzzjoni ta' debitu;

42.5. Illi r-rikorrenti jsosstni li l-ammont dovut ghadu mhux cert, likwidu u dovut;

42.6. Illi *di piu`*, r-rikorrenti wkoll jikkontesta l-ammont mitlub;

Ikkunsidrat:

43.0. Illi jigi immedjatament sottolineat li l-lanjanzi sollevati mir-rikorrenti kienu gia` gew decizi u respinti b'mod finali, senjatament:

43.1. Mid-digriet datat l-14 t'Awwissu, 2007, (ara paragrafu numru sitta u tletin, (36.), aktar qabel u foll 50 u 58);

43.2. Mid-digriet datat it-30 t'Ottubru, 2009, (ara paragrafu numru seba' u tletin (37.) aktar qabel u foll 60 u 76); u

43.3. Mid-digriet datat l-14 ta' Mejju, 2010, (ara paragrafu numru tmienja u tletin, (38.), aktar qabel u foll 78 u 97);

44. Illi konsegwentement m'hemm bzonn jinghad xejn aktar fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti Avukat Farrugia, liema talba ghandha ghalhekk tigi respinta *stante* li l-mertu tal-istess kien gia` deciz u xejn aktar ma inbidel fir-rigward;

Ikkunsidrat:

**C. Rigward il-lanjanza tar-rikorrenti Avukat Farrugia li t-talba li l-bank intimat joffri *animo compensandi* hi illegali u nulla:**

45. Illi r-rikorrenti isosstni dan ghaliex fin-negozju in kwistjoni kien hemm aktar minn kreditur wiehed;

46. Illi min-naha tieghu l-bank intimat isosstni li in effetti, l-istess rikorrenti Avukat Farrugia kien aderixxa ghall-procedura tas-subbasta in dizamina;

47. Illi kif jirrizulta mill-atti allegati mal-procedura odjerna, bin-numru Subbasta Numru 22/07 Vol. 2 fl-ismijiet ***Lombard Bank Malta p.l.c. vs. Allegro Andante Limited***, (ara foll 280 u 281 tal-istess atti tas-subbasta hawn indikati), l-mmobbli in kwistjoni meritu wkoll tal-kawza odjern, kien gie liberat favur il-bank;

48. Illi wara rikors appozitu datat it-22 ta' Jannar, 2008, (ara foll 27), il-bank intimat kien gie debitament awtorizzat jaghmel offerti *animo compensandi*, u dan, kif jirrizulta mid-digriet datat is-27 t'Ottubru, 2009, (ara foll 30);

49. Illi munit b'tali awtorizzazzjoni, jirrizulta li effettivament, il-bank intimat effettwa tali offerta *animo compensandi* permezz ta' cedola appozita, (ara foll 32);

50. Illi *di piu`*, jirrizulta li l-istess bank intimat ipprezenta wkoll rikors appozitu biex ic-cedola ta' kompensazzjoni *de quo* tkun approvata mill-istess qorti, (ara foll 31);

51. Illi t-talba *de quo* indikata fil-paragrafu precedenti kienet opposta mir-rikorrenti Avukat Farrugia, (ara foll 28);

52. Illi ghalhekk permezz ta' digriet datat it-2 ta' Frar, 2012, il-qorti laqghet parzjalment it-talba ghat-tpacija limitatament sas-somma ta' €450,000.00, (ara foll 34 u 35);

53. Illi konsegwentement il-bank intimat kien tenut jiddepozita somma bilancjali ta' €550,000.00, kif jirrizulta li ghamel permezz tac-Cedola Numru 189/2012, (ara foll 32);

54. Illi l-prezz ta' liberazzjoni favur il-bank intimat kien ta' €1,005,000.00, (ara foll 32);

55. Illi b'sentnza tal-***Qorti tal-Appell*** datata it-***28 ta' Settembru, 2012***, id-digriet datat it-2 ta' Frar, 2012, (ara foll 34), kien gie irrevokat, (ara ***Qorti tal-Appell***, Citazzjoni Numru 703/10 fl-ismijiet ***Lombard Bank p.l.c. vs. Allegro Andante Limited et*** foll 18 allegat mall-atti odjerni)

56. Illi rizultat tal-istess il-Qorti tal-appell sosstniet li in vista tal-fatt li kien hemm konkors tal-kredituri, l-bank *de quo* ma setghax jikkompensa, la *in toto* u lanqas *in parte*;

57. Illi konsegwenza tal-istess il-bank intimat iddepozita €450,000.00 ohra, (ara foll 287 fl-atti tas-Subbasta Numru 22/07, Cedola Numru 1433/2012);

58.0. Illi konsegwentement jirrizulta s-segwenti:

58.1. Illi b'Cedola Numru 189/2012 il-bank intimat iddepozita l-ammont ta' €550,000.00, (ara paragrafu numru hamsin, (50.), aktar qabel);

58.2. Illi b'Cedola Numru 1433/2012 il-bank iddepozita l-ammont ta' €450,000.00, (ara paragrafu numru erba' u hamsin, (54.), aktar qabel);

58.3. Illi konsegwentement jirrizulta li l-bank intimat effettivament iddepozita €1,005,000.00;

58.4. Illi konsegwentement jirrizulta li allura l-bank ma effettwa l-ebda kompensazzjoni;

58.5. Illi ghalhekk hu pacifiku li l-liberazzjoni in dizamina fir-rigward tal-immobbli *de quo* hi wahda valida;

58.6. Illi in effetti dan hu wkoll in konformita` mall-artiklu 331 (1) tal-Kap 12 fuq riferit li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Il-kunsinna ta' beni immobbli, jew ta' jeddijiet imghaqqdin ma' immobbli, jew ta' azjendi kummercjali, ssir *ipso iure* bil-liberazzjoni finali u bid-depozitu tal-prezz fil-qorti jew bl-approvazzjoni tat-tpacija";

58.7. Illi konsegwentement anke t-tieni talba tar-rikorrenti Avukat Farrugia ghandha tigi respinta *stante* li ma jirrizulta li m'hemm xejn null fil-liberazzjoni tal-immobbli meritu ta' din il-procedura favur il-bank intimat;

Ikkunsidrat:

59.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti proprio et nomine et ma ipprovawx il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

59.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti *proprio et nomine et*;

59.2. Takkolji r-risposti kollha tal-intimati;

59.3. Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti *proprio et nomine et*.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**